RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 10 tal-14 ta' Jannar 2006)

Fil-paġna 48, l-Anness IX, il-paragrafu 5(c)(ii):

minflok: "(ii) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 2, il-punt (a) tal-paragrafu 3 jew il-punt (a) tal-paragrafu 4;",

aqra: "(ii) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 3;".

Rettifika tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2013/10/UE tad-19 ta' Marzu 2013 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-aerosol dispensers biex id-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-ittikkettar jiġu adattati għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 77 tal-20 ta' Marzu 2013)

F'paġna 21, fl-Artikolu 1(2)(b), fl-emenda tal-punt 2.2(a)(i) tad-Direttiva 75/324/KEE:

minflok: "id-dikjarazzjoni dwar il-periklu H229: 'Kontenitur taħt pressjoni: Jista' jfaqqa' bit-tiskin',",

aqra: "id-dikjarazzjoni dwar il-periklu H229: 'Kontenitur taħt pressjoni. Jista' jinfaqa' jekk jissaħħan',".

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemeda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 96 tal-15 ta' April 2009)

It-titolu fil-paġna tal-Werrej u t-titolu fil-paġna 1:

minflok: **"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jistabbilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemeda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007"**,

aqra: **"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 dwar pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007"**.
